**23 ta' Settembru, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Mohammed Hazzouri

**Oltraġġ**

*Għalkemm il-Qrati għandhom jagħtu l-protezzjoni kollha skond il-liġi lill-membri tal-Korp tal-Pulizija fil-qadi ta' dmirijiethom, huma għandhom joqogħdu attenti li ma jmorrux fl-estrem l-ieħor li jippunixxu liċ-ċittadin għax dan sempliċement ifisser bi kliemu li ma jkunx qed jaqbel mal-pulizija u meta ma jkunx hemm ebda* animus injuriandi *jew xi forma ta' theddid.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Mohammed Hazzouri talli fis-6 ta' Ġunju, 1997 għall-ħabta tat-3.15 p.m. ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan: (1) volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku bl-għajjat u bil-ġlied; u (2) inġurja u hedded lil P.S. 402 Tonna, persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tad-9 ta' Settembru, 1997 li permezz tagħha dik il-Qorti sabitu ħati skond iż-żewġ imputazzjonijiet u kkundannatu multa ta' tletin lira (Lm30);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Mohammed Hazzouri, minnu ppreżentata fil-15 ta' Settembru, 1997, li permezz tiegħu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti tal-kawża; semgħet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Bid-dovut rigward lejn l-Ewwel Qorti; din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellant (allura imputat) seta', fuq il-provi miġjuba, jinstab ħati ta' oltraġġ lil uffiċjal pubbliku u ta' *breach of the peace*. Dak li jirriżulta li ġara hu li waqt li P.S. 402 Tonna kien qed jipprova jirrikonċilja lill-appellant ma' ibnu dwar ħsara allegatament magħmula mit-tifel fil-karozza ta' l-appellant dan ta' l-aħħar xeba' jisma' dak li kellu xi jgħid is-surġent u qallu kliem fis-sens ta' "issa ieqaf għax dejjaqtni tparla żżejjed". Qallu ukoll li kien ser jirrapporta kollox lis-superjur tas-surġent u preċiżament lis-Supretendent (illum Assistent Kummissarju) Josie Brincat. Anke jekk dan il-kliem intqal f'mument ta' rabja u forsi b'vuċi ftit għolja - ħaġa li l-appellant jiċħadha - dawn il-

kliem f'dawk iċ-ċirkostanzi b'ebda tiġbid tal-liġi ma jammontaw għal theddid jew inġurja fis-sens ta' l-artikolu 95 (1) tal-Kodiċi Kriminali. L-appellant, li kien l-Għassa minn jeddu u mhux taħt arrest, kellu kull dritt jittermina l-konversazzjoni mas-surġent u jgħidlu għaliex kien qed jitterminaha. Kellu kull dritt jieħu l-każ quddiem is-superjuri tas-surġent, u kellu ukoll dritt li jgħid lis-surġent x'ser jagħmel. F'dan kollu l-Qorti ma tirravviża ebda theddid li għax forsi l-appellant kien irrabjat u seta' għolla ftit il-vuċi, allura kien hemm ksur tal-bon ordni *u l-paċi pubblika. X'jammonta għal breach of the peace* hu ormai ben stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti u għalhekk din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tirrepetih. Għalkemm jagħtu l-protezzjoni kollha skond il-liġi lill-membri tal-Korp tal-Pulizija fil-qadi ta' dmrijiethom - dan kif anke ġie osservat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha - huma għandhom joqogħdu attenti li ma jmorrux fl-estrem l-ieħor li jippunixxu liċ-ċittadin għax dan sempliċement ifisser bi kliemu li ma jkunx qed jaqbel mal-pulizija u meta ma jkun hemm ebda *animus injuriandi* jew xi forma ta' theddid;

Għall-motivi premessi, tilqa' l-appell, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.

---